**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 10 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 326/02AE**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Patrick McBride**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm385.28), prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt

mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Simon Galea Testaferrata in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm385.28) kif fuq spjegat, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**